15 ta' April, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Paolo Busuttil et. *versus* Avv. Dr. Antonio Caruana

**Donazzjoni — Eżekuzzjoni wara l-Mewt tad-Donanti — Rigali — Art. 1850 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti l-fakoltà lid-donatarju li jaċċetta d-donazzjoni anki wara l-mewt tad-donanti tippresumi li d-donazzjoni tkun saret bil-forma rikjesta mil-liġi.*

*L-istess dispożizzjoni ma hix applikabili fil-każ ta' doni manwali ta'*

*ħwejjeġ mobili; għax dawn ir-rigali jingħataw minn id għal id, u għalhekk ma tistax l-aċċettazzjoni tagħhom issir wara l-mewt tad-donanti.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut, bħala eżekutur testamentarju ta' Caterina Seychel, kellu fil-pussess tiegħu, fost affarijiet oħrajn, kwadru taż-żejt bil-gwarniċa rappreżentanti San Gerolamo, u sett tas-sala konsistenti f'sofà u tnax-il siġġu, u huwa rrifjuta li jikkonsenjahom lilhom billi ppretenda li kienu tiegħu; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundannat jikkonsenja lilhom l-imsemmijin sett u kwadru. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-rikors quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti tal-24 ta' April 1945;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi għar-rigward tal-kwadru l-konvenut xehed illi l-imsemmi Don Gerolamo Seychel, ċirka sebgħa snin qabel mewtu, kien akkwista b'donazzjoni pittura ta' San Gerolamo mingħejr tilar u mingħajr gwarniċ, fi stat tant imgħarraq li kienet kważi xkora biss. Il-konvenut xehed ukoll illi huwa qal lil Don Gerolamo Seychel biex jirrestawrah, imma Don Gerolamo rrispondieh li ma riedx jirrestawra l-kwadru għaliex kien iqumlu ħafna flus, u qallu wkoll "meta mmut ħudu"; però wara żmien Don Gerolamo għiegħel huwa stess li l-kwadru jiġi restawrat;

Illi l-konvenut jippretendi, in bażi ta' l-imsemmi diskors li sar bejnu u Don Gerolamo Seychel, li dan Don Gerolamo ddonalu l-kwadru, però żamm għalih it-tgawdija tiegħu għaż-żmien ta' ħajtu; u billi l-eżekuzzjoni ta' din id-donazzjoni kellha ssir wara l-mewt tad-donanti, huwa — il-konvenut — kellu l-fakoltà li jaċċetta d-donazzjoni anki wara l-mewt tad-donant, kif effettivament għamel (art. 1850 (1) (a) u (b), Kodiċi Ċivili);

Illi però, mill-provi jirriżulta li wara l-mewt ta' Don Gerolamo Seychel il-konvenut ma ġiebx 'il quddiem dina l-pretensjoni tiegħu, u l-kwadru għadda b'wirt għand Caterina Seychel, oħt l-imsemmi Don Gerolamo u werrieta tiegħu, u dina Caterina Seychel ma riedet tbiegħu lil ħadd barrani, billi riedu Don Giuseppe Desira li kien trabba magħha u ma'

l-imsemmi Don Gerolamo, u dana Don Giuseppe Desira kien qalbha biex ma tbiegħu lil ħadd biex imbagħad jiehdu huwa. u *kienet irrispondietu affermativament*; *u jirriżulta wkoll*......;

Illi l-konvenut jallega li ma ġiebx 'il quddiem dina l-pretensjoni tiegħu meta miet Don Gerolamo Seychel, u lanqas kif *mietet* l-imsemmija Caterina Seychel, għar-raġuni li kienet sfuġġietlu d-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata li tagħtih il-jedd li jaċċetta d-donazzjoni anki wara l-mewt tad-donant;

Illi *però*, anki jekk l-imsemmija *dispożizzjoni* hija applikabili għall-każ, u tassew sfuġġiet lill-konvenut, huwa fatt illi wara l-mewt ta' Don Gerolamo Seychel l-aċċettazzjoni ma saretx, imma saret wara l-mewt ta' Caterina Seychel, wara, jiġifieri, li dina Caterina Seychel kienet ilha sena u nofs li akkwistat il-kwadru billi kienet wirtitu minn għand Don Gerolamo Seychel, kif jammetti l-istess konvenut; għaliex dana *jammetti* li talab lil Caterina biex tbiegħlu l-kwadru, u jammetti *wkoll li kien jaf li riedet tagħtih lill-imsemmi Don* Giuseppe Desira. Barra minn dan, id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata ma għandhiex tiġi applikata fil-każ, għaliex dik id-*dispożizzjoni* tissupponi bilfors *donazzjoni* li tkun saret bil-forma rikjesta mil-liġi;

Il-liġi teżenta mill-att publiku r-rigali ta' ħwejjeġ mobili, iżda ħwejjeġ mobili li jingħataw "*minn id għal id*", dak li għandu *juri illi* l-aċċettazzjoni *f'dawn il-każijiet* ma tistax issir wara l-mewt tad-donanti; għaliex la darba d-donazzjoni ssir "minn id għal id", l-aċċettazzjoni tagħha ma tistax ma ssirx dak il-ħin stess li l-ħaġa tgħaddi *minn* id id-donanti għal id id-donatarju; u għal dawn id-donazzjonijiet, meta l-oġġett jgħaddi minn id għal *id*, ma jistax ikun hemm riżerva tad-dritt ta' l-użufrutt favur id-donanti, u ma tistax tiġi konċepita *eżekuzzjoni ta' donazzjoni wara l-mewt tad-donanti*. Meta jkun hemm l-imsemmija riżerva ta' l-użufrutt, u meta l-eżekuzzjoni jkollha ssir wara l-mewt tad-donanti, id-donazzjoni mhix ta' ħaġa mogħtija "*minn id għal id*";

Illi *inoltri*, il-kliem adoperat minn Don Gerolamo Seychel, riferit mill-istess konvenut — "meta mmut ħudu" — eżaminat flimkien mal-fatti jiet li graw tant waqt il-ħajja ta' *Don Gerolamo Seychel kemm wara, mhumiex biżżejjed ċar* biex juru l-intenzjoni ta' l-istess Don Gerolamo li jiddona dal

l-ħin stess il-kwadru lill-konvenut. U difatti, in segwitu Don Gerolamo irrestawra l-pittura u għamlilha gwarniċ, u ma jidherx li qatt ħaseb li jagħmel b'mod li l-kwadru wara mewtu jkun tal-konvenut, kif seta' u kellu żmien jagħmel, għaliex miet bosta snin wara; u dana evidentement irrikonoxxieh l-istess konvenut, għaliex wara l-mewt ta' Don Gerolamo ma ppretenda ebda dritt fuq il-kwadru u ħalla illi l-istess jgħaddi b'wirt għand Caterina Seychel;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-pretensjoni tal-konvenut li l-kwadru huwa tiegħu, għaliex lilu donat minn Don Gerolamo Seychel, ma tistax tiġi milqugħa;

Tikkunsidra in rigward tas-sett tas-sala;

Illi l-atturi, eredi ta' Caterina Seychel, xehdu li l-konvenut ma semmilhomx mill-ewwel li huwa kien xtara dan is-sett minn għand l-istess Caterina Seychel..............;

*Omissis;*

Illi huwa veru li l-mara tal-konvenut xehdet li żewġha kien qalliha, meta kienet għadha ħajja Caterina Seychel, li kien xtara s-sett..............; iżda ma jirriżultax li x-xiri effettivament sar; anzi hemm prova li x-xiri ma ġiex effettwat, għaliex in-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-prezz fil-kotba ta' l-amministrazzjoni għandu juri li x-xiri ma sarx; u kwindi ma tistax tiġi milqugħa lanqas dina l-pretensjoni tal-konvenut li s-sett huwa tiegħu għaliex xtrah minn għand Caterina Seychel;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.